VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,328, 20 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 387 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 486 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 4 (1).

4. Il-paragrafi (2) sa (5) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) Il-Bord għandu jirrakomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' studju u l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' postijiet jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż għal kull wieħed ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet:

(a) it-tip tal-grad u l-klassifikazzjoni;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq matul intervista, jekk meqjusa neċessarja.

(4) L-intervisti, jekk neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri maħtura għal dan il-għan.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għaddħul sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel."